



Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikorsi kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara illegali l-għajjnuna mill-Italja favur diversi kumpanniji tal-ajru li jservu s-Sardegna

L-operaturi tal-ajruporti ta' Sardegna ma kinux il-benefiċjarji tal-għajjnuna iżda kienu biss l-intermedjarji bejn ir-Reġjun Awtonomu ta' Sardegna u l-kumpanniji tal-ajru li għandhom għalhekk jirrimborsawlu l-għajjnuna pubblika

Permezz tas-sentenzi easyJet vs Il-Kummissjoni (T-8/18), Volotea vs Il-Kummissjoni (T-607/17) u Germanwings vs Il-Kummissjoni (T-716/17), mogħtija fit-13 ta' Mejju 2020, il-Qorti Ġenerali **ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati mill-kumpanniji tal-ajru easyJet, Volotea u Germanwings** (iktar 'il quddiem il-"kumpanniji tal-ajru") **intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Lulju 2016 li ddikjarat parzjalment inkompatibbli mas-suq intern l-għajjnuna mogħtija mill-Italja favur diversi kumpanniji tal-ajru Ewropej, inklużi lit-tlieta inkwistjoni, li jservu s-Sardegna**¹.

Skont din id-deċiżjoni, l-iskema ta' appoġġ stabbilita, fl-Italja, mir-Reġjun Awtonomu ta' Sardegna (iktar 'il quddiem ir-"Reġjun") għall-iżvilupp tat-trasport tal-ajru **kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat mogħtija mhux lill-operaturi tal-ajruporti prinċipali ta' Sardegna (Alghero, Cagliari-Elmas u Olbia), iżda lill-kumpanniji tal-ajru kkonċernati.**

Fl-2010, liġi reġjonali², innotifikata mill-Italja lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) TFUE, awtorizzat il-finanzjament tal-ajruporti tal-għajra fid-dawl tal-iżvilupp tat-trasport tal-ajru, b'mod partikolari permezz tad-destaġunalizzazzjoni tar-rotot tal-ajru mas-Sardegna. Din il-liġi reġjonali għet implimentata permezz ta' sensiela ta' miżuri adottati mill-Eżekuttiv tar-Reġjun (il-liġi reġjonali u l-miżuri adottati huma flimkien iktar 'il quddiem il-"miżuri kontenzjużi").

Il-miżuri kontenzjużi kienu jipprevedu b'mod partikolari l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali bejn l-operaturi tal-ajruporti u l-kumpanniji tal-ajru għat-titjib tas-servizz tal-ajru tal-għajra u sabiex tiġi żgurata l-promozzjoni tagħha bħala destinazzjoni turistika. Huma kienu jiddeterminaw, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' rimbors, mir-Reġjun, lill-operaturi tal-ajruporti tal-ammonti mħallsa minn dawn tal-añħar lill-kumpanniji tal-ajru skont dawn il-ftehimiet.

Fid-29 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna stabbilita mill-miżuri kontenzjużi parzjalment inkompatibbli mas-suq intern u tordna l-irkupru tal-għajjnuna kkonċernata mill-kumpanniji tal-ajru kkunsidrati li huma benefiċjarji. Insostenn tar-rikorsi tagħhom għal annullament, dawn tal-añħar invokaw diversi motivi bbażati, b'mod partikolari, fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tal-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat, il-possibbiltà li l-għajjnuna kontenzjuża tiġi ġġustifikata kif ukoll l-ordni ta' rkupru tal-għajjnuna kontenzjuża.

F'dak li jirrigwarda, qabel kollox, l-elementi li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni kienet ġustament sostniet **li l-kumpanniji tal-ajru kienu**

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1861 tad-29 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/N) — l-Italja — Kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (SIEĠ) 2017, (ĠU 2017, L 268, p. 1).

² Legge regionale n° 10/2010 – Misure per lo sviluppo del trasporto aereo (il-Liġi Reġjonali Nru 10/2010 dwar miżuri għall-iżvilupp tat-trasport tal-ajru) (Bollettino ufficiale della Regione autonoma della Sardegna Nru 12, tas-16 ta' April 2010).

benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna kontenzjuża minħabba l-għoti ta' vantaġġ minn riżorsi tal-Istat permezz ta' flasijiet imputabbli lir-Reġjun.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, ikkonfermat li **l-flasijiet imwettqa mill-operaturi tal-ajruport lill-kumpanniji tal-ajru, skont il-ftehimiet konklużi, kienu jirrappreżentaw mobilizzazzjoni ta' riżorsi tal-Istat**, peress li l-fondi mħallsa mir-Reġjun lill-operaturi tal-ajruport kienu ntużaw għat-tweqqif tal-flasijiet inkwistjoni. Sabiex issostni din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali analizzat il-modalitajiet previsti għar-rimbors mir-Reġjun tal-flasijiet imwettqa mill-operaturi tal-ajruport lill-kumpanniji tal-ajru skont il-ftehimiet konklużi. Il-Qorti Ġenerali għalhekk irrilevat l-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' kontroll li kien jissuġġetta r-rimbors, barra minn hekk gradwali, tal-fondi użati għall-preżentazzjoni ta' rapporti kontabbli u ta' dokumenti ta' sostenn li jstabbilixxu l-konformità tal-ftehimiet, li abbażi tagħhom kienu twettqu l-flasijiet, mal-għanijiet segwiti mil-liġi reġjonali kif ukoll l-implimentazzjoni tajba tagħhom. Il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dan li l-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat setgħet tapplika għall-flasijiet imwettqa mill-operaturi tal-ajruport lill-kumpanniji tal-ajru b'applikazzjoni tal-miżuri kontenzjużi.

Il-Qorti Ġenerali, it-tieni nett, enfasizzat, f'dak li jirrigwarda l-imputabbiltà lir-Reġjun għall-flasijiet imwettqa mill-operaturi tal-ajruport favur kumpanniji tal-ajru, li l-livell ta' kontroll eżerċitat mill-Istat fuq l-għoti ta' vantaġġ għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tiegħu, u fin-nuqqas ta' dan il-vantaġġ mogħti ma jistax jiġi imputat lilhom. Fuq il-bażi ta' eżami tad-deċiżjoni kkontestata fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat għalhekk li, f'dan il-każ, **il-livell ta' kontroll eżerċitat mir-Reġjun fuq l-għoti tal-fondi lill-kumpanniji tal-ajru kien juri l-involviment tiegħu fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi**. Fil-fatt, il-miżuri kontenzjużi kienu ppermettew lir-Reġjun jeżerċita kontroll strett fuq l-operaturi tal-ajruport li ddeċidew jitolbu l-miżuri ta' finanzjament previsti fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna kontenzjuża. Dan il-kontroll jintwera mill-approvazzjoni minn qabel tal-pjanijiet tal-attivitajiet tagħhom jew mill-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rimbors tal-ammonti mħallsa lill-kumpanniji tal-ajru. Skont il-Qorti Ġenerali, l-eżerċizzju ta' tali kontroll mir-Reġjun kien juri li l-miżuri ta' finanzjament inkwistjoni kienu imputabbli lilu. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali approvat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li **l-operaturi tal-ajruport setgħu jiġu kkunsidrati li huma intermedjarji bejn ir-Reġjun u l-kumpanniji tal-ajru**, peress li huma kienu ttrasferew b'mod sħiħ lil dawn tal-aħħar il-fondi rċevuti mir-Reġjun u kienu għalhekk aġixxew skont l-istruzzjonijiet irċevuti mir-Reġjun permezz tal-pjanijiet ta' attivitajiet approvati minn dan tal-aħħar.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali approvat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li **l-operaturi tal-ajruport ma kinux benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna kontenzjuża**. Konsegwentement, hija ddeċidiet ukoll li l-Kummissjoni kienet ġustament naqset milli teżamina t-tranżazzjonijiet imwettqa bejn il-kumpanniji tal-ajru u l-operaturi tal-ajruport fid-dawl tal-kriterju tal-operatur privat f'ekonomija tas-suq. Fil-fatt, dawn l-operaturi, li ma kinux miżmuma mir-Reġjun, essenzjalment, sempliċement implimentaw l-iskema ta' għajnuna kontenzjuża stabbilita mir-Reġjun. F'dak li jirrigwarda, għall-kuntrarju, l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għad-deċiżjonijiet tar-Reġjun, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li dan ma kienx aġixxa bħala investitur, peress li huwa kien stabbilixxa l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni biss għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżira. Sa fejn ir-Reġjun aġixxa bħala xerrej ta' servizzi għaż-żieda fit-traffiku tal-ajru u ta' kummerċjalizzazzjoni, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-eżistenza ta' vantaġġ li jikkostitwixxi għajnuna tista' tiġi eskluża, mhux minħabba l-eżistenza ta' servizzi reċiproċi, iżda mill-akkwist tas-servizzi inkwistjoni skont ir-regoli ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi previsti mid-dritt tal-Unjoni jew, tal-inqas, bl-organizzazzjoni ta' proċedura, miftuħa u trasparenti, li tiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn fornituri u l-akkwist tas-servizzi bi prezzijiet tas-suq. Issa, f'dan il-każ, is-sejnhiet għal manifestazzjoni ta' interess ippubblikati qabel **il-konklużjoni tal-ftehimiet mal-kumpanniji tal-ajru ma ġewx ikkunsidrati mill-Qorti Ġenerali bħala li huma ekwivalenti għal proċeduri ta' sejħa għal offerti, fl-assenza b'mod partikolari ta' kwalunkwe għażla abbażi ta' kriterji preċiżi** fost il-kumpanniji tal-ajru li wiegħbu għas-sejnhiet.

Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tikklassifika l-miżuri kontenzjużi bħala "skemi ta' għajnuna mill-Istat", li tippermettilha, anki sabiex tnaqqas l-piż amministrattiv tagħha, twettaq eżami tal-karatteristiċi ġenerali ta' dawn il-miżuri, mingħajr ma jkollha twettaq eżami individwali ta' kull wieħed mill-flasijiet magħmulha taħt din l-iskema. F'dan ir-rigward, l-assenza ta' identifikazzjoni formali tal-kumpanniji tal-ajru bħala benefiċjarji finali u reali tal-għajnuna

kontenzjuża fil-Liġi Nru 10/2010 – li kienet tindika għall-kuntrarju lill-operaturi tal-ajruporti bħala l-benefiċjarji – ma kinitx tostakola l-klassifikazzjoni tal-iskema bħala “għajnuna mill-Istat” peress li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-elementi kollha tal-iskema implimentati sabiex issostni l-konklużjoni tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tal-kumpanniji tal-ajru dwar l-assenza ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta’ effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fil-kawża T-716/17, hija b’mod partikolari eskludiet li l-kumpannija tal-ajru tista’, f’dan ir-rigward, tinvoka b’mod utli l-ammont limitat tal-ħlas li hija rċeviet mingħand l-operatur tal-ajruport ta’ Cagliari-Elmas. Fil-fatt, l-argument li l-eżistenza ta’ għajnuna kellha tiġi eżaminata fil-livell ta’ tali operatur kien diġà ġie miċħud bħala infondata. Bi tweġiba, barra minn hekk, għall-ilment li l-Kummissjoni kellha teżamina jekk il-ħlas kontenzjuż kienx jikkostitwixxi għajnuna *de minimis*, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-kuntest tal-eżami ta’ skema ta’ għajnuna, il-Kummissjoni tista’ sempliċement teżamina l-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni, mingħajr ma għandha twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f’kull każ individwali abbażi ta’ tali skema, b’tali mod **li huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jivverifikaw is-sitwazzjoni individwali ta’ kull impriża kkonċernata minn operazzjoni ta’ rkupru**. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet minn dan **li ma kinitx il-Kummissjoni li kellha twettaq eżami tal-eventwali natura *de minimis* tal-ħlas kontenzjuż**. Fil-kawża T-607/17, il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, approvat l-għażla tal-Kummissjoni li ma tapplikax, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-Regolament Nru 360/2012³. Il-kumpannija tal-ajru ma stabbilixxietx, f’din il-kawża, l-eżistenza ta’ obbligi ta’ servizz pubbliku ddefiniti b’mod ċar fil-kuntest ta’ kull waħda mir-rotot tal-ajru li għalihom hija kienet ibbenefikat minn finanzjament taħt il-miżuri kontenzjużi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kawżi T-8/18 u T-607/17, li l-Kummissjoni ma kinitx kisret il-prinċipju ta’ aspettattivi leġittimi meta ordnat l-irkupru tal-ammonti rċevuti mill-kumpanniji tal-ajru b’eżekuzzjoni tal-ftehimiet konklużi mal-operaturi tal-ajruporti abbażi tal-miżuri kontenzjużi. Hija rrilevat, f’dan ir-rigward, li **l-kumpanniji tal-ajru ma seta’ jkollhom l-ebda aspettattivi leġittimi fil-legalità tal-għajnuna**, peress li din kienet illegali minħabba li ġiet eżegwita qabel ma l-Kummissjoni ma kienet iddeċidiet dwar il-miżuri li kienu ġew innotifikati lilha. Huma lanqas ma seta’ jkollhom l-ebda aspettattivi leġittimi fin-natura kummerċjali tar-rapporti kuntrattwali tagħhom mal-operaturi tal-ajruporti, peress li huma ma setgħux jinjoraw il-mekkaniżmi ta’ finanzjament previsti fil-liġi reġjonali, li kienet is-suġġett ta’ pubblikazzjoni uffiċjali fil-livell nazzjonali, u, għaldaqstant, l-orijini Statali tal-fondi kkonċernati.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta’ dritt, jista’ jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f’terminu ta’ xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta’ istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondata, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-testi sħaħ tas-sentenzi [T-607/17](#), [T-716/17](#) u [T-8/18](#) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

³ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta’ April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali (ĠU 2012, L 114, p. 8).